Minuti tas-27 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 29 ta' Ottubru, 2014.
Il-laqgha nbdiet hin 3.00pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | CarmenVella |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | Shirley Anne Cecchini |

**Ufficjali:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

Anthony Camilleri kien assenti.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-26 laqgha**

1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Attivitajiet – Seher il-Punent / Zmien tal-Milied**

2.1 Is-Sindku aggorna lill-Kunsill dwar il-programm li qed jigi imhejji ghal Seher il-Punent fejn gie spjegat li l-Gimgha 5 ta' Dicembru l-ewwel gurnata tal-festival ser ikun hemm il-partecipazzjoni ta' Bethlehem f'Ghajnsielem bis-sehem tac-Centru Parrokkjali, issir il-mixghela tad-dawl tal-Milied inkluz is-Sigra tal-Milied, partecipazzjoni tal-Malta Book of Records bl-ikbar hamburger u ftuh tal-Bazaar tal-Milied u suq tas-Snajjiet.

Fil-gurnata tas-Sibt hemm il-possibilita' tal-partecipazzjoni ta' zewg gruppi Gospel Choirs u bejniethom ser ikun hemm il-partecipazzjoni tal-Malta Records.

Emanuel Muscat staqsa dwar kemm jigu jiswew dawn l-Gospel Choirs u l-area li ghandhom bzonn. Gie spjegat li dawn il-gruppi jiehdu €1600 u l-area suggerita' bejn l-arlogg/funtana li fih ser titpogga ukoll il-Christmas Tree. Intqal li ma' l-ispejjez tal-korijiet hemm ukoll transport ghall-korijiet u prezentaturi.

Il-palk huwa mahsub sabiex jitpogga fejn ta' Marianne Vella bhas-sena ta' qabel u jekk l-spazju mhux ser ikun bizzejjed jitpogga l-genb l-iehor. Il-Kunsill ghadu irid isib xi bands sabiex jimtella' l-vojt u spazji tal-Programm.

Fil-gurnata tal-Hadd isir marc mill-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni li jitlaq minn fejn Triq il-Vizitazzjoni ghall-Pjazza. Isir partecipazzjoni minn gruppi ta' zfin u jsir record mill-Malta Records.

Emanuel Muscat issugerixxa sabiex jigi inkluz il-get together tal-muturi bhas-soltu.

Fil-prezent gew ukoll publikati avvizi ghall-kwotazzjonijiet ghall-PA System, Dawl u Stalls tax-Xorb ghal waqt Seher il-Punent.

Emanuel Muscat staqsa dwar ittiehditx in konsiderazzjoni l-problema li kien hemm is-sena l-ohra minhabba l-generator. Is-Sindku gibed l-attenzjoni li din ma kienetx problema. Is-Sindku zied jghid li din l-materja kien tqajmet ghad-diskussjoni mill-Vici Sindku Louis Apap. Ghal din is-sena sar kif kien suggerit f' dik id-diskussjoni.

Il-Kunsill qabel mall-programm propost u max-xoghol li qed issir sabiex din is-sena Seher il-Punent ikun success bhal tas-snin ta' qabel.

Giet diskussa ukoll il-kwotazzjoni ghad-dawl tal-Milied fejn giet sottomessa ircevuta wahda minghand Chris Gauci li tinkludi dawl ghall-Pjazza Zjara tal-Madonna ghall-ammont ta' €500 fejn iridu jigu provduti l-arbli mill-Kumitat tal-Festa. Is-Sindku issugerixxa li ghal Triq il-Knisja jintuza d-dawl tal-Kunsill li konna nuzaw precedentament u fl-istess waqt issir diskussjoni mas-Sur Gauci biex jigi mistoqi jekk hux lest li jarma Triq il-Knisja ukoll u kemm hu l-ammont f'dak il-kaz. Il-Kunsill qabel li ghandha tintuza l-kwotazzjoni tas-Sur Chris Gauci u mas-suggerimenti tas-Sindku.

Il-Kunsill qabel ukoll li l-ikla tal-Milied ghall-istaff ghandha ssir fl-ahhar gimgha ta' Novembru jigifieri fit-28 ta' Novembru, 2014.

Is-Sindku spjega li bejn l-20 u 21 ta' Dicembru l-E.T. il-President ta' Malta ser tkun qeghda izzxur Ghawdex bhala parti mill-attivitajiet marbuta ma' l-istrina u ghal dan il-ghan ser tkun qeghda ssir kull rahal gewwa Ghawdex fejn waqt iz-zjara taghha ikun ghaddej xi tip ta' attivita' fil-Pjazza. Is-Sindku issugerixxa sabiex issir laqgha mall-NGO's lokali ta' l-Gharb u tigi diskussa din il-materja. Il-laqgha giet proposta sabiex issir l-Erbgha 5 ta' Novembru, 2014 fis-5.45pm.Gie spjegat ukoll li jridu isiru kotba ta' l-ircevuti f'isem Ghaqdiet Lokali l-Gharb sabiex min jaghti donazzjoni jinghata ricevuta. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir din l-attivita'.

Is-Sindku informal ill-Kunsilliera li waqt il-laqgha li kellhom is-Sindku flimkien ma' l-E.T. il-President ta' Malta, l-E.T. spjegat li l-isess persentagg ta' pazjenti bil-kancer gewwa Malta huwa l-istess bhal dak ta' Ghawdex. Saret diskussjoni fejn is-Sindku isugerixxa li bhala Kunsill isiru promozzjonijiet fil-qasam tas-Sahha bhal ma diga saru fil-passat sabiex jghin lir-residenti tal-lokal. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

**3.0 Inawgurazzjoni tal-Faccata tal-Knisja**

3.1 Is-Sindku spjega li diga saret talba lill-E.T. il-President ta' Malta fejn giet mistiedna sabiex tigi tinawgura l-faccata tal-Knisja fit-22 ta' Novembru, 2014 pero' r-risposta ghandha tasal sa iktar tard matul l-istess gimgha. Apparti dan il-Kunsill ghadu qed jistenna risposta jekk hux ha tigi l-Banda tal-Pulizija li fil-kaz ikun irid jipprovdilha transport u reception. Fin-nuqqas ta' dawn tingab il-banda tar-rahal l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni. Jekk mhux ser tkun tista' tigi l-President il-Kunsill qabel li ghandu jigi persuna ohra distinta bhal Prim Ministru / Ministru ghal Ghawdex jew xi hadd simili.

**4.0 Hlasijiet**

4.1 L-iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

**5.0 Aggornament dwar Xogholijiet u Progetti**

5.1 Fir-rigward tal-Mizura 323 il-Progett huwa pratikament maghluq li qed isir huma finishing works fuq il-koppla tal-Knisja u issa qeghdin jigu pprezentati l-kontijiet sabiex jinghalq il-progett.

5.2 Progett M125 – fir-rigward ta' dan il-progett gie spjegat li gie fissat appuntament mall-Perit u mall-kuntrattur sabiex isiru diskussjonijiet fuq il-post.

5.3 Progett M313 – Gie spjegat li inhareg offerta' wahda li tamalgama dawn iz-zewg progetti fejn ser issir it-trakka tal-jogging, fencing u dawl.

Il-Kunsill kien infurmat li l-GFA iffirmat kuntratt flimkien mal-Gharb Rangers FC. L-offerti tax-xogholijiet hawn fuq imsemmija ser jinghalqu fl-24 ta' Novembru, 2014. Is-Sindku ssugerixxa li sabiex ma jintilifx hafna zmien ghall-*awarding* ta' l-offerta' jintaghzel il-bord ta' evalwazzjoni li ser ikun kompost Perit Edward Scerri, Dr. Lisa Marie Brooke, lin-Nutar Enzo Dimech jew Dr. Josette Spiteri Cauchi u min-naha ta' *quality server* jew Paul Zahra jew Adrian Formosa. Malcolm Meilak kien innominat bhala accountant tal-board.

5.4 Il-Kunsill gie infurmat ukoll li inharget ukoll l-offerta' ghad-dizinn tal-monument ta' l-Isqof Cauchi u tal-Monument ta' Triq l-Gharb.

5.5 Is-Sindku spjega ukoll li l-bankina tal-Pjazza Zjara tal-Madonna tlestiet fejn ix-xoghol sar min-naha tal-haddiema tac-CMU u l-madum inxara minghand Joseph Grima. Is-Sindku spjega li kienet saret diskussjoni fuq il-post peress li hu kien isugerixxa li issir qisa rampa pero' is-sid ma ridtx hekk u c-CMU ghamluha skond kif ridt is-sid pero' giet migbuda l-attenzjoni tac-CMU li jekk jinqala' xi problema jidhlu responsabbli ghalija c-CMU.

5.6 Emanuel Muscat staqsa dwar jekk it-Telephone Box kienetx ser tibqa' fejn qeghda fil-prezent jew jekk kienetx ser timxi peress li qeghda tkun xi ftit ta' inkonvenjent ghal min ikun hiereg minn Triq Dun Alwig Mizzi. Gie spjegat li din kienet tharket minhabba l-filming imma ghandha terga timxi bejn il-post ta' Alvin Pace u l-Muzew tal-Folklore.

5.7 Carmen Vella gibdet l-attenzjoni li hemm xi dawl matul it-Triq ta' Pinu li mhux qed jixghel. Gie spjegat li ser tinkiteb ittra lil Joe Portelli u Lorry Apap f'dan ir-rigward.

**6.0 Korrispondenza u materji ohra**

6.1 Giet trattata korrispondenza minghand il-Familja Debrincat fejn dawn qeghdin jigbdu l-attenzjoni li l-isqaq li gie imsemmi Ta' Lavinja huwa Sqaq Privata taghhom

u ghaldaqstant qeghdin jitolbu sabiex dan l-isqaq jitnehhielu ismu. Huma ipprovdew ukoll dokumenti u kopji tal-kuntratt li jippruvaw dak li qed jghidu. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandha tinkiteb ittra lill-Kumitat ta' l-ismijiet tat-toroq u jinfurmah dwar dan il-kaz sabiex l-isem jitnehha.

6.1 Ilment minghand is-Sinjura Mary Anne Piscopo. Emanuel Muscat talab li jigi skuzat minhabba interess familjari u hareg mill-kamra. Is-Sinjorina Piscopo bghatet korrispondenza lit-Transport Malta fejn hija qeghda titlob li ssir bankina quddiem il-post fejn hija topera l-*business* taghha minhabba periklu u sewqan eccessiv. Saret diskussjoni fejn gie innotat li jekk issir bankina kif qeghda tintalab din ser tkun qeghda tnaqqas il-parkegg minn gewwa din it-triq u tkun tista' tohloq problema lir-residenti tal-faccata. Huwa ghalhekk li l-Kunsill iddecieca li jitlob l-opinjoni tar-residenti. F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel ukoll li li tinkiteb ittra lit-Transport Malta fejn jitlob sabiex l-gholi tal-vetturi

6.2 Korrispondenza minghand l-Universita' ta' Malta – sezzjoni ta' Ghawdex fir-rigward ta' korsijiet ghall-Persuni tat-tielet eta'.

6.3 Minghand il-Moviment Kerygma fir-rigward tal-Premju Zghazugh tas-Sena 2014. Saret diskussjoni mill-Kunsill fejn il-Kunsill qabel li ghal din is-sena ghandu jinnomina lil Joseph Cauchi ghax-xoghol volontarju li huwa iwettaq gewwa gewwa l-lokalita'.

6.4 Minghand it-Transport Malta fir-rigward ta' *Double Yellow Lines* fi Triq il-Knisja kif tohrog minn Triq il-Vizitazzjoni. Saret diskussjoni mill-Kunsill fejn gie innotat li l-problema tezisti minhabba li l-buses jghaddu kontra il-linja filwaqt li huma xorta jghaddu b'mod normali u jekk isiru dawn is-sinjali ser tinholoq problema fejn ghal darb'ohra ser jerga' jitnaqqas il-parkegg tal-lokalita'.Ghal dan il-ghan il-Kunsill qabel li m'ghandomx isiru dawn is-sinjali

6.5 Minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill gie infurmat li skond il-Ftehim Kollettiv tal-Impjegati tal-Kunsilli Lokali 2012-2016 gew mghoddija l-ammont ta' €5,020.53 fil-kontijiet tal-Kunsill.

6.6 Minghand l-Gharb Rangers FC fejn dawn infurmaw lill-Kunsill li gie iffirmat il-kuntratt u qeghda ghalhekk tintalab il-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex jinbeda x-xoghol fuq il-ground.

6.7 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:
Approvazzjoni tad-DNO ta' Pjazza Praga fi Triq l-Isqof M. Molina, Gharb.
Applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp PA2912/14 u PA3098/14.

6.8 Minghand The Today Public Policy Institute fir-rigward ta' rapport dwar 'A Review of the Cnstitution of Malta at Fifty: Rectification or Redesign?'.

6.9 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni tixtieq torganizza fiera fil-berah nhar il-Hadd 2 ta' Novembru u tibqa' tigi organizzata darba fix-xahar fl-ewwel Hadd tax-xahar apparti dik ta' Dicembru li qeghda tigi proposta sabiex

issir fil-21 ta' Dicembru. Emanuel Muscat issugerixxa sabiex ta' Dicembru tkun tista' ssir fl-istess weekend ta' Seher il-Punent u jintuza l-ground bhala parkegg. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinghataw il-permessi mehtiega lil Ghaqda Muzikali sabiex torganizza dawn il-fieri.

6.10 Is-Sindku spjega li giet installata bhala prova camera fil-pjazza mill-kumpanija Skyline. L-ispejjez tal-camera ikunu ta' €350 fis-sena. Min-naha tieghu l-Kunsill ikun irid jipprovdi s-servizz ta' internet. Bhalissa ghaddej it-testing u jekk il-Kunsill ikun sodisfatt tkun tista' issir l-installazjoni. L-iskyline jibqghu huma responsabbli minnhom. Is-Sindku qal ukoll li huwa talab lil ta' l-Skyline sabiex jara hux possibli li jigi installata ukoll sound mall-camera tal-Pjazza. Il-Kunsill qabel li ghandu jara kif imur it-testing u jipprocedi minn hemm.

6.11 Emanuel Muscat gibed l-attenzjoni dwar ilment li kien wasal min-naha ta' Eugenio Portelli dwar hmieg ta' klieb fi Triq id-29 ta' Awissu, 1679. Is-sur Muscat kien infurmat li Portelli kien ghamel l-ilment fil-Kunsill u jittiehdu il-proceduri mehtiega.

6.12 Giet migbuda l-attenzjoni ukoll li qed isir sewqan eccessiv fi Triq l-Gharb. Emanuel Muscat issugerixxa li tinkiteb ittra lit-Transport Malta sabiex tigi installata tabella ghal nuqqas ta' *speed*. Is-Sindku resaq ghad-diskussjoni din il-materja u kien hemm qbil li ghanda tintalab kwotazzjoni ghal tabelli u sa dan it-tant issir it-talba formali.. Emanuel Muscat issugerixxa sabiex issir petition ma-residenti.

6.13 Il-Kunsill iddiskuta VL mhux utilizzat minhabba esigenzi ta' xoghol mill-impjegati tal-Kunsill: Segretarju Ezekuttiv, skrivana/librara matul is-sena 2014. Il-Kunsill qabel unanimament illi l-VL mhux utilizzat matul 2014 ghandu jkun trasferit ghas-sena 2015.

6.14 Is-Sindku spjega li saret amenda tal-Budget tal-Kunsill u qara l-Budget li kif qed jigi propost. Il-Kunsill approva dan il-budget.

6.15 Gew miftuha u moqrija l-kwotazzjonijiet minhabba l-Berga u gie spjegat li min-naha tal-Health gie mitlub sabiex il-Kunsill jipprocedi bix-xogholijiet. Il-Kunsill qabel fuq dan segwenti u li ghandhom jinxtraw skond il-priorita':-
Aircondition – Minghand l-GTA
Computers – Minghand CT Computers. Dan ser jinxara skond il-bzonn.
TV – Minghand Skyphone
Ceiling Mouting Lights – Minghand Dominic Department Stores
Aluminium – Minghand Michael Formosa
Ghamara – Minghand Dominic Department Stores Ltd.
Siggijiet – Dawn mhux ha jinxtraw ghal issa
Micropeak flow Meter, Digial Column Scale u heigh measuring rod minghand Technoline
Curtain / Screen, Stethoscope, Oto/opthalmo-scope set u Glucose meter minghand Europharma Ltd.

6.16 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-Harga ta' l-Anzjani u qabel li din ghandha issir nhar il-Erbgha 10 ta' Dicembru.

**7.0 Aggornament**

7.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 26 ta' Novembru, 2014 fit-3pm.

7.2 Il-laqgha spiccat hin 5.15pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Segretarju Ezekuttiv